# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 66/16MH**

**Illum 11 ta' Marzu, 2016**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci**

**(K.I. numri 461568 u 62168 (M))**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti, (u konfermat bil-gurament minn Johanna Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess bank rikorrenti) datat 26 ta' Jannar, 2016 fejn gie premess:

***"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 18 ta' april 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat (Dok. A) is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci.***

***2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci fis-somma ta' mija u disghin elf, hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€190,529.97) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci***

*mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1sa B5), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dok A), partikolarment imam mhux esklussivament, Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci:*

*(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci li jipperikolaw jew jaffettwaw hazing il-possibbilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*5. Illi l-konvenuti Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' awissu 2013, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok C, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta` attrici li qedgha hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dok A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u*

***2. Tikkundanna lil Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disghin elf, hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€190,529.97) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Victor u Maria Rosaria k/a mizzewgin Gauci mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 Sa B5), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.***

***Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Awissu 2013 (Dok C) kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru in subizzjoni.***

***Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghal bilanci ohra dovuti minn Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci li ghalihom is-socjeta` attrici qed tirriserva li tipprocedi f'gudizzju separat."***

Rat in-nota tad-9 ta' Frar, 2016 li permezz taghha l-intimati ddikjaraw li "*qeghdin jammettu t-talbiet hekk kif dedotti fil-konfront taghhom.*"

Illi ghalhekk il-Qorti, fuq ammissjoni, qed tilqa t-talbiet tal-bank rikorrenti u filwaqt li tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti, qed tikkundanna lil Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci jhallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' mija u disghin elf, hames mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€190,529.97) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Victor u Maria Rosaria k/a mizzewgin Gauci mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Awissu 2013 kontra l-konvenuti, u dan minghajr pregudizzju ghal bilanci ohra dovuti minn Victor u Maria Rosaria k/a Marisa mizzewgin Gauci li ghalihom is-socjeta` rikorrenti qed tirriserva li tipprocedi f'gudizzju separat.

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

John Muscat.
Dep. Reg.